

It-Tielet Ħadd tal-Għid

# Aħbar Tajba

Atti 5, 27b-32.40b-41
Salm 29 (30), 2 u 4. 5 u 6. 11 u 12a u13b
Apok 5, 11-14
Ġw 21, 1-19

Qallu Ġesù:
**"Irgħa n-nagħaġ tiegħi."**

Kemm tolqotni l-fiduċja kbira ta' Ġesù f'Pietru u l-appostli. Għalkemm ftit jiem qabel kienu telquh għax beżgħu, Ġesù jemmen li nbidlu u jafdalhom dak li kien ħadem tant għalih. Imma x'għamlu l-appostli? Żammew sħiħ jew inkella ħarbu? It-tweġiba nsibuha fl-ewwel qari tal-lum. Hawn insibu l-appostli quddiem is-sinedriju, dak il-kunsill li kien ikkundanna lil Ġesù. Imma din id-darba, l-appostli ma ħallewx il-biża' tegħlibhom imma żammew sħiħ. Anzi kienu kuntenti li jixbhu lil Ġesù. Kemm inbidlu hux!

Naħseb in-nies ta' dak iż-żmien ħasbuhom imġienen... u biex inkunu sinċieri, kieku jien kont hemm, bħalhom kont naħseb! Ma tantx tista' tagħti tort lin-nies għax immaġinaw illum, ikun hemm xi ħadd li fuq il-*facebook* jistqarr li ltaqa' ma' xi ħadd li kulħadd jaf li mejjet, bħal ngħidu aħna "Għadni kif kelli diskursata interessanti ma' Martin Luther King Jr." U aktar ma jgħidulu li ma jafx x'inhu jgħid, aktar jinsisti li rah u kellmu. Sitwazzjoni stramba, hux, imma ġrat elfejn sena ilu. Grupp żgħir ta' nies sempliċi li ħadd ma kien jafhom qabel ħarġu fit-toroq ixandru din l-aħbar tant stramba. Forsi ferm aktar stramb huwa l-fatt li dan il-grupp ċkejken irnexxielu jwassal din l-aħbar sa truf id-dinja u l-messaġġ tagħhom għadu ħaj sal-lum!

Il-qari tal-lum jurina li dawk li jħallu lil Ġesù jaħdem fihom, jinbidlu u jsiru l-aħjar li jistgħu jkunu. Fejn qabel kienu jħallu l-biża' jmexxihom issa ħallew lil Ġesù jmexxihom u l-biża' telaq kollu. Qabel kienu jibqgħu siekta meta xi ħadd jikkritikahom imma issa kienu se jitkellmu. Qabel kienu jibżgħu meta xi ħadd jibda jitkellem fuq Ġesù, għax kienu jibżgħu li se jeħdilhom posthom, imma issa huma stess bdew jaħdmu biex ikun hemm aktar nies li jxandru l-Aħbar it-Tajba. Ħallew pajjiżhom u marru f'artijiet oħra mingħajr ma kienu jafu x'se jsibu. Ħafna kienu d-drabi li sabu oppożizzjoni. Imma anke f'dawn iż-żminijiet iebsa kienu jibqgħu mexjin għax ma kinux waħedhom. Issa kienu ħallew lil Ġesù jidħol f'ħajjithom u dan ma kienx se jitlaqhom fil-mument tal-bżonn. Tassew li l-appostli nbidlu mil-lejl għan-nhar u saru jixbhu lill-Imgħallem tagħhom, Ġesù.

Dan kollu nsibuh fl-Evanġelju għax dak li ġara fl-appostli jista' jsir fina wkoll. Ġesù qed jistedinna biex inħalluh jaħdem fina biex tassew inkunu l-aħjar li nistgħu nkunu u hekk nibdlu d-dinja ta' madwarna.

Tagħqida

## Fittex is-silta mill-Evanġelju ta' San Ġwann li għadna kif qrajna (Ġw 21, 1-9) aqraha bil-mod u mbagħad ara ssibx kif is-sentenzi t'hawn taħt jingħaqdu flimkien.

| | |
|---|---|
| 1. Ġesu' reġa' deher • | • bil-ħut fuqu u xi ftit ħobż. |
| 2. Xmun Pietru qal lill-oħrajn • | • ' Int min int?' |
| 3. Dak il-lejl ma • | • fuq in-naħa tal-lemin tad-dgħajsa. |
| 4. Ġesu' qalilhom • | • 'Sejjer nistad.' |
| 5. huma waddbu x-xibka • | • qabdu xejn. |
| 6. hawn xi faħam jaqbad • | • u tah lid-dixxipli. |
| 7. Ħadd mid-dixxipli ma ssogra jistaqsih • | • lid-dixxipli ħdejn il-baħar. |
| 8. Ġesu' qasam il-ħobż u l-ħut • | • 'Għandkom x'tieklu ħbieb?' |





## Ix-Xahar ta' Mejju



Matul ix-xahar ta' Mejju u dak ta' Ottubru, il-Knisja tħeġġiġna nitolbu lil ommna Marija. F'dawn ix-xhur nisimgħu b'ħafna ħarġiet lejn Santwarji Marjani, ħafna jfakkruna fit-talba tar-Rużarju u mhux l-ewwel darba li toħroġ fit-triq u ssib xi purċissjoni wara statwa tal-Madonna. Imma għaliex il-Knisja matul dawn ix-xahrejn tagħmel tant enfażi fuq id-devozzjoni lejn Marija?

M'ilux wisq li qrajna mill-Evanġelju l-ġrajja li fiha Ġesù minn fuq is-salib jagħti lil Ġwanni 'l Marija biex minn dakinhar 'il quddiem tkun ommu. Ġwanni f'din is-silta qiegħed hemm f'isimna. F'dak il-mument tant iebes għal Ġesù, qiegħed jaħseb fina. Minn hawn tibda storja mill-isbaħ fejn Marija saret omm dawk kollha li qegħdin fil-bżonn. Jixhdu dan ħafna li fil-mument tal-bżonn talbu lilha u sabuha hemm biex tgħinhom. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jistqarr li fost il-ħafna drabi li Marija daħlet għalih u salvatu, kien hemm darba meta s-suldati tan-Nazi kienu qed ifittxuh biex jarrestawh għax kien qed jipprepara biex isir saċerdot kontra x-xewqa tagħhom.Jirrakkonta li ma waqafx jitlob lil Marija, u kif waslu għad-dar fejn kien hu, t-tfittxija waqfet u marru lura l-bażi.

Insemmu wkoll ħafna dehriet straordinarji, bħal dawk ta' Lourdes u Fatima, fejn Marija fakkritna fl-aktar affarijiet importanti biex ngħixu ħajja hienja – il-Valuri tal-Evanġelju.

Ejjew aħna wkoll, mhux biss matul dan ix-xahar imma dejjem, induru lejn ommna Marija biex tgħinna nkunu l-aħjar li nistgħu nkunu.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**Promozzjoni**

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**